MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 200/2015

**Avukat Dottor Michael Zammit Maempel**

**(I.D. 51677 M) bhala mandatarju specjali**

**tas-socjeta` estera Giorgio Armani S.p.a.**

**vs.**

**Newland Limited (C – 39674)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-4 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* espona sintetikament is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` minnhu rapprezentata hi nominata internazzjonalment u tipproduci u tbiegh ilbiesi esklussivi tahta il-marka taghha;

1.2. Illi s-socjeta` minnhu hekk rapprezentata bieghet u kkonsenjat numru t'ilbiesi u accessorji lis-socjeta` intimata;

1.3. Illi s-socjeta` intimata tbiegh l-istess ilbiesi mill-hanut taghha *"Rebelli"*, f'*Paceville*, (ara foll 8 sa 21);

1.4. Illi s-socjeta` intimata ghad ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti bilanc ta' erbatax -il elf u ghoxrin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu, (€14,020.27), ghal dawn l-ilbiesi hekk mibjugha u lilha kkonsenjati, (ara foll 6);

1.5. Illi *nonostante* li interpellata kif indikat fir-rikors guramentat promotur, (ara foll 2), is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.6. Illi l-ammont dovut hu ghalhekk wiehed cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tar-rikorrenti *nomine* m'hemmx eccezzjonijiet x'jitressqu;

1.7. Illi ghalhekk jesistu c-cirkostanzi kollha biex din il-procedura tinstema` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.8. Illi konsegwentement ir-rikorrenti *nomine* adixxa din il-qorti biex din:

1.8.1. Tiddeciedi l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta’ l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1.8.2. Tiddikjara illi s-socjeta` intimata hi debitrici tar-rikorrenti *nomine* fl-ammont t’erbatax –il elf u ghoxrin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu, (€14,020.27);

1.8.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti *nomine*;

1.8.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata u, bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull fattura sad-data ta’ l-effettiv pagament;

2. Sodisfatta bid-debita notifka tas-socjeta` intimata bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz ghas-smiegh relattiv;

3. Semghet il-konferma ta’ l-imsemmi debitu mir-rapprezentant tas-socjeta` kif rapprezentata mir-rikorrenti *nomine*;

4. Tirrileva li jezistu r-rekwiziti indikati fl-artikli 167 *et sequitur* ta’ l-imsemmi Kap 12 fuq riferit;

5. Sodisfatta li t-terminu moghti lis-socjeta` intimata biex tressaq is-sottomissjonijiet taghha fir-rigward *ai termini* ta’ l-artiklu 170(1) ta’ l-istess Kap ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in vista tar-rikonferma tar-rikors guramentat promotur, (ara foll 39), hi sodisfatta bis-segwenti:

6.1. Illi l-ammont dovut mis-socjeta` intimata hu wiehed cert, likwidu u dovut;

6.2. Illi l-ammont hekk dovut mis-socjeta` intimata lir-rikorrenti *nomine* hu dak minnhu mitlub f'din il-procedura;

**DECIDE:**

7.0. Illi in vista tal-premess hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

7.1. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine*;

7.2. Tiddeciedi l-procedura odjerna bid-dispensa tas-smiegh kif mitlub, u dan, *ai termini* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-imsemmi Kap 12;

7.3. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici tar-rikorrenti *nomine* fl-ammont t'erbatax –il elf u ghoxrin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu, (€14,020.27);

7.4. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti *nomine* l-ammont hekk stabbilit fil-paragrafu precedenti;

7.5. Bl-ispejjez kif dedotti mill-istess rikorrenti *nomine* fl-imsemmi rikors guramentat promotur, u bl-imghaxijiet legali involuti, mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` intimata fuq indikata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------